IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru22 (tnejn u għoxrin) tad-disa' (9) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tlieta 24 ta' Marzu, 2026, fl-4.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Michael Mifsud |
| Il- Kunsillier | Mary Doris Borg |
| | Raymond Duncan |
| **Assenti b'Apoloġija** | |
| Kunsillier | Antonia Buttigieg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**22.1. Item Nru 22.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

22.1.1 Il-Laqgħa bdiet fl-4.39pm u l-Kunsill irċieva ittra ta' Apoloġija mingħand is-Sinjura Antonia Buttigieg. Kulħadd qabel li tkun skużata.

**22.2. Item Nru. 22.2 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

22.2.1 Il-Minuti ittieħdu moqrija u kien hemm il-ħtieġa li ssir korrezzjoni f'minuta 21.4.5 Tizdied il-kelma "Agent President". Wara il-Minuti ġew approvati b'mod unanimu.

**22.3 Item Nru. 22.3 fuq l-Aġenda - Komunikazzjoni mis-Sindku**

22.3.1 Is-Sindku tkellem rigawrd is-solar lights fejn qal li twaħħlu u ġew sbieħ. Hu kompla u qal li it-trinka li inqalet u il-*paving blocks* ser isiru mil- *Public works* ukoll. Kien hemm żball wieħed fil-kejl u u saru tnejn viċin xulxin però issa ħabba f'hekk biex jidru tajbin fl-estetika ser iżidu tlieta oħra.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR181810 – Malta
Tel: 2281832618
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

22.3.2 Is-Sindku qal li rigward il-ħsarat ta' quddiem il-Joe Joes intbagħtu diversi emails biex nagħmlu pressjoni sabiex jibda x-xogħol mil-aktar fis. Mil-informazzjoni li għandna qed jistennew l-approvazzjoni mil-Ministeru tal-Finanzi ghal-ispiża li ser tlaħħaq in-nofs miljun ewro (€500,000).

22.3.3 Is-Sindku qal li fil-preżent infetħu diversi skemi ġodda u l-Kunsill ser ikun qed japplika għalihom. Hu beda dwar l-iskema ta' Attivitajiet u qal li tajjeb li għal din is-sena napplikaw għal waħda ikbar. Is-Sindkuipprezenta draft tal-applikazzjoni u kulħadd qabel.

Id-data tal-attivita ser tkun 18 July.

Skemi oħrajn li ser napplikaw għalihom -il quddiem hemm waħda biex intejbu proġett eżistenti tal-gvern b'valur sa €30,000 u oħra ta' massimu ta' €100,000 dwar proġett kapitali.

22.3.4 Is-Sindku qal li l-proġett tal-LESA li konna applikajna ġew approvati €63,742.66 u ser jintużaw biex ninvestu fis-sigurta u ħarsien tal-ambjent billi jiġu installati aktar kameras tas-sigurta max-Xgħajra kollha. Ser nibdew billi ninstallaw b'mod imminenti żewġ cameras li jaħdmu bis-solar max-xatt għaliex qed ikollna problema ta' skart u abbużi. Is-Sindku ippreżenta l-kwotazzjonijiet u ġie deċiż li tintgħażel l-irħas.

22.3.5 Is-Sindku qal li bagħat lil-Lands Authority sabiex ikunu infurmati bis-sitwazzjoni tal-Milord fejn il-baħar li fil-preżent hemm diżastru ta' blokki maqlubin u b'riskju għal pubbliku. Għalhekk ser nistennew mil-lands u filkas nerġgħu nibgħatu reminder.

22.3.6 Is-Sindku qal li bħal kull sena ser nagħmlu attività għat tfal tal-Għid il-kbir u ppropona li inħeġġuhom jagħmlu xi craft u jingħataw figolla jew bajda tal-Għid b'apprezzament.

**22.4 Item Nru 22.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

22.4.1 Is-Sur Michael Mifsud staqsa dwar ir-ritratti u pjanta ta' fejn għedna li ħa tiġi l-ATM. Is-Segretarju qallu li ritratti ħa però jidher li il-post qed jintuża bit-tankijiet tal-ilma u wera r-ritratti tal-post.

22.4.2 Is-Sur Mifsud staqsa dwar tiswija ta' bozza li kella ssir Trejqet ix-Xilep. Is-Segretarju qallu li r-rapport sar dak in-nhar stess u għada ma ssewwietx mil-Kuntrattur.

22.4.3 Is-Sur Mifsud staqsa lil Doris dwar l-ittra bieb bieb tal-iskart jekk marritx. Din qaltlu li għada le.

22.4.4 Is-Sur Michael Mifsud staqsa dwar dik il-kantuniera ta' Triq il-Knisja ma' Triq San Gakbu għaliex għadna bil-problema. Is-Sindku qallu li l-problema hi li diġà

provajna b'double lines u bollards u dawn qed jinqalgħu. Issa li rridu nagħmlu huwa cameras fuq l-area sabiex inkunu nafu jekk jerġgħu jinqalgħu.

22.4.5 Is-Sur Mifsud staqsa fuq il-proġramm tal-Ungerija u s-Sindku qallu li għadhom ma bagħtuhx. Minħabba li ser ikollna lejl extra qabel kulħadd ser ikollu iħallas il-porzjon tiegħu.

Il-Kunsill qabel li nerġgħu nixtru tokens lir-rappreżentanti tal-pajjiżi nvoluti fil-proġett.

22.4.6 Is-Sinjura Doris Borg staqsiet jekk hux ser nagħmlu korsijiet tas-sajf tal-kompjuter. Il-Kunsill qabel li nkelmu lit-TCTC sabiex naraw nistgħu noffru l-opportunita lit-tfal tax-Xgħajra billi nħegguhom japplikaw f postijiet viċin.

22.4.7 Is-Sa. Borg staqsiet dwar it-tinda kif ser nibqgħu. Is-Sindku qal li ħa jkellem lil Perit sabiex japplikalna għal DNO.

22.4.8 Is-Sa. Borg staqsiet dwar il-Van u s-Sindku qal li ilna nibgħatu diversi reminders fuqu lid-Direttur Ġenerali.

22.4.9 Is-Sa. Borg staqsiet jekk jistgħux isiru żewġ showers max-xatt għas-Sajf. Is-Sindku qal ħa naraw x'tinvolvi u nerġgħu niddiskutu.

22.4.10 Is-Sur Raymond Duncan staqsa jekk hux ħa jmur xi ħadd għal-laqgħa ta' Trasport Malta dwar il-Bus Stops. Is-Sur Mifsud qallu li ser jattendi huwa.

22.4.11 Is-Sur Duncan staqsa jekk nistgħux nagħlqu l-parti ta' fuq ta' Triq Orlando. Is-Sindku qallu li ma jridux lanqas ir-residenti minħabba l-bżonn ta' ambulanza.

22.4.12 Is-Sur Duncan staqsa jekk nistgħux niffriskaw iż-żebgħa ta' Triq il-Fabbriki. Is-Segretarju qal li ser nibdew niffriskaw iż-żebgħa ta' kullimkien fosthom Triq il-Fabbriki.

22.4.13 Is-Sur Duncan staqsa jekk hux ser napplikaw għal dogs park li ħabbru fl-aħbarijiet. Is-Sindku qal li ser nistennew aktar informazzjoni dwarha u nitkellmu fil-laqgħa li jmiss.

**22.5 Item Nru. 22.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

22.5.1 Ir-rapporti ġew diskussa aktar kmieni.

**22.6 Item Nru. 22.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

22.6.1 Ix-xogħol ġie mitkellem kollu qabel.

**22.7 Item Nru. 22.7 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

22.7.1 Pagamenti b'numru 21 ġew approvati unanimament.

**22.8 Item Nru. 22.8 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet;**

22.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**22.9 Item Nru. 22.9 fuq l-Aġenda – Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

22.9.1 Il-laqgħa intemmet fis-7.30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 20 ta' April fl-4.30pm.

Ranier Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Neil Attard
Sindku